MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 265/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Veronica Brincat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€8,424.45) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-8 t'Awwissu, 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lilha permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Settembru, 2008 (Dok. "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Veronica Brincat (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju 2012 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta Veronica Brincat ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2014 (a fol. 54 tal-process) li biha l-istess konvenuta, ammettiet it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€8,424.45), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 t'Awwissu, 2013 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------